IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 38**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 21 ta' April 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 37**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G37 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 37



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| **2.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti G 37** | Punti li joħorġu mill-Minuti G 37 |
| 2.01 | 10.03 Is-Sindku nforma l-laqgħa li l-*financial plan* ta x'intefaq sa issa u x'fadal jintefaq fuq il-proġett kien ser jippreżentah f'seduta oħra. | Ħlas dovut fuq xogħlijiet eżistenti fuq il-Proġett ta' Santa Rita u Misraħ San Katald |
| 2.02 | 10.04 Is-Sindku nforma l-laqgħa li l-awtoritajiet konċernati kienu oġġezzjonaw għal estenzjoni tal-bankina. | Talba-mill-propjetarja tal-istabiliment *Crazy Cook* |
| 2.03 | 14.08 Peress li s-sidien tal-kumpanija *Melita Trains* ma kienux disposti jiltaqgħu mal-Kunsill fil-gurnata mgħottija lilhom, il-laqgħa ġiet skedata għal nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju, fis-6.30 ta' filgħaxija. | Talba mill-kumpanija *Melita Trains* |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza** | |
| 3.01 | Is-Sindku ppropona li is-6 blokki tal-appartemanti li ser jipartecipaw fl-iskema għall-manutenzjoni tal-komun fil-binijiet tal-gvern għas-sena 2015 ikunu, Blokk G, Blokk H, Blokk F Door 1, Blokk F Door 2, Blokk I u Blokk E Door 1. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Skema għall-Manutenzjoni tal-Komun fil-Binijiet tal-Gvern |
| **4.00** | **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet** | |
| 4.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 245 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. | L-iskeda tal-ħlasijiet numru 245 |
| **5.00** | **Ħruġ ta' offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq l-Kulleġġ** | |
| 5.01 | Wara li l-Kunsill iddiskuta l-abbozz tal-offeta, kien hemm qbil unanimu li l-ħinijiet tat-tindif tal-latrina jiġu emendati kif ġej, fl-10.00am, fit-3.00pm u fit-8.00pm.<br><br>Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq l-Kulleġġ. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ħruġ ta' offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq l-Kulleġġ |
| **6.00** | **Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *Handyman* – RLC/T/135/14** | |
| 6.01 | Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/135/14 għal servizz ta' *Handyman* u ppropona li | Tiġdid tal-offerta |

din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. għal servizz ta' *Handyman* – RLC/T/135/14

## 7.00 Għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku – RLC/T/143/14

7.01 Is-Sindku ppreżenta r-rapport ta' aġġudikazzjoni tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku – RLC/T/143/14 mħejji mill-konsulent il-Perit Daniel Cordina. Is-Sindku stieden lil Perit Cordina biex jagħti spjegazzjoni tal-imsemmi rapport. Wara diskussjoni li saret dwar ir-rapport ta' aġġudikazzjoni, s-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-konsulent u għalhekk irrakkomanda li l-offerta tingħata lill-irħas offerent li huwa *WM Environmental Ltd*. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tar-rapport ta' aġġudikazzjoni jinsab anness ma' dawn il-minuti. Għażla tal-offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku – RLC/T/143/14

## 8.00 Korrispondenza

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għal attenzjoni tal-Kunsill Memo 7/2015 dwar il-Laqgħat tar-Reġjun. Hija irrimarkat li f'seduta G02 il-Kunsill kien ħatar lil l-Viċi Sindku Doris Coleiro sabiex tkun s-sostitut tas-Sindku fil-laqgħat tar-Reġjun tat-Tramuntana. Memo 7/2015 dwar il-Laqgħat tar-Reġjun

8.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0379/15** is-Sindku informa l-laqgħa li għal sena oħra l-kumpanija TCTC kienet qiegħda torganizza flimkien mal-Kunsilli Lokali korsijiet tal-kompjuter għat-tfal bl-isem 'iKIDS', għall-prezz ta' €1150. Is-Sindku ppropona li bħal kull sena l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lit-tfal Rabtin. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Korsijiet tal-komputer 'iKIDS'

8.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0468/15** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill ġie mitlub jagħti l-appoġġ tiegħu fir-rigward ta' applikazzjoni quddiem il-Mepa nru PA 00979/15. Oġġezzjoni għall-applikazzjoni nru PA 00979/15

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li il-Kunsill jagħmel l-oġġezzjoni tiegħu dwar it-tibdil ta' kundizzjoni 2g tal-permess originali. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro.

Wara li ma kienx hemm qbil unanimu ttieħed vot. Il-mozzjoni għaddiet b'erba' voti favur u tnejn kontra u astensjoni waħda.

8.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0360/15**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva talba għal rimbors ta' ħsara li ġiet ikkawżata fuq *tyre* ta' vettura b'konsegwenza ta' ħofra fit-triq. Talba għal rimbors għal ħsara fuq *tyre* ta' karozza

Wara li l-Kunsill iddiskuta din it-talba, iddeċieda unanimament li din ma tiġix milqugħa

8.05 Is-Sindku nforma l-laqgħa li kien irċieva talba mingħand il-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963 fejn kienu qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill, sabiex jiddiskutu attivita' li ser titella' minnhom. Talba Kumitat Festi Esterni Corpus Domini U San Pawl AD 1963

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Kunsill qabel li jiltaqa mal-kumitat nhar il-Ħamis 30 ta' April, fit-3.00pm. | |
| 8.06 | Is-Sindku nforma l-laqgħa li kien irċieva talba mingħand id-direttur ta' NRGY Events fejn qiegħed jitlob laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa l-possibilita ta' parkeġġ fir-Rabat, għal pubbliku li ser ikunu qiegħed jattendi l-attivita' *Malta International Food Festival* ġewwa l-Imdina.<br><br>Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li jissuġerixxi lil NRGY Events li jorganizzaw Park & Ride minn Triq l-Infetti, peress li l-Kunsill m'għandux parkeġġi li jista joffri minħabba l-problema ta nuqqas ta' parkegg fil-lokalita'. | Talba NRGY Events |
| **9.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduta numru B08** | |
| 9.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija B08 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Baħrija B08 |
| **10.00** | **Materji Oħra** | |
| 10.01 | B'referenza għall-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-sidien tal-kumpanija *Xarabike Ltd,* is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaċċetta it-talba tal-kumpanija *Xarabike Ltd* u joffri spazju ta' parkeġġ wieħed ġewwa il-Wesgħa tal-Mużew maġenb *l-electric charger*. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament | Talba mill-kumpanija *Xarabikes Ltd* |
| 10.02 | Il-Kunsillier Paul Grech saqsa jekk it-triq tal-Baħrija minn Triq Għajn Kajjet sal-Fiddien, hux ser tkun magħluqa sakemm jiġi mgħoddi d-drenaġġ fil-Baħrija. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill ma kellux tali informazzjoni, għaldaqstant gie deċiz li l-Kunsill jikteb lil 'Transport Malta'. | Għeluq tat-triq tal-Baħrija |
| ** | Il-Kunsillier Paul Grech talb li jiġi skużat fit-8.39 ta' filgħaxija | |
| 10.03 | Il-Kunsillier Stephen Borg talab li l-Kunsill jerġa jikteb lil 'Transport Malta' dwar il-każ tal-*coaches* fi Triq l-Infetti. Il-Kunsill qabel | *Coaches* fi Triq l-Infetti |
| 10.04 | Il-Kunsillier Stephen Borg ssuġġerixxa lil l-Kunsill jagħmel talba lil 'Malta Tourism Authority' sabiex iżżidu aktar tabelli informattivi għat-turisti, madwar ir-Rabat. | Tabelli informattivi fir-Rabat |
| 10.05 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li parti mid-dwal tal-Ġnien Patri Martin Caruana jinsab mitfi. Huwa qal ukoll li hemm xi fanali li jinsabu imkissrin. | Dwal maqtugħu fil-Ġnien Patri Martin Caruana |
| 10.06 | Il-Kunsillier Ian Vassallo saqsa lis-Sindku meta kien ser jingħalaq b'*cover* adekwat il-*gutter* li sar fi Triq Santa Rita, minħabba li qiegħed perikoluż. Is- | Ilmenti dwar l-*gutter* ta' Triq Santa Rita |

Sindku wieġeb li fil-jiem li ġejjien kienet ser titieħed azzjoni dwar l-imsemmi *gutter*.

10.07 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li hemm l-bankina tiżloq fi Triq Vincenzo Ciappara. Bankina tizloq fi Triq Vincenzo Ciappara

10.08 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm bżonn li jitnaddaf l-isprall ta' Triq Konti Ruġġieru. Tindif ta' sprall fi Triq Konti Ruġġieru

**11.00 Data tas-seduta li jmiss**

11.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

11.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.05 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .it-Tlieta...... ...19... ta'...Mejju...... 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**